MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 652/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-20 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tat-18 ta' Marzu 2013 li permezz taghha ddikjarat li ma topponix ghat-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 l-konvenuta talbet li terga tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta’ Marzu 1977, u minn dan iz-zwieg kellhom tliet itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Mariella Mizzi fl-1 ta’ Gunju 1999;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------